**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 10**

**It-Tnejn, 8 ta' Lulju 2024**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 9 tat-18 ta' Marzu 2024 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għal fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi skont kif deċiż fil-laqgħa preċedenti ġiet applikata s-sanzjoni ta' ċanfira fil-konfront tal-Onor. Michael Farrugia u ppreżenta lill-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok. 19 | Ċanfira fil-konfront tal-Onor. Michael Farrugia fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kumitat dwar Standards fil-Ħajja Pubblika fil-Laqgħa 8 tat-18 ta' Marzu 2024 dwar ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/027 |

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/052) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/052 mil-laqgħa tat-18 ta' Marzu 2024, u kif maqbul fil-laqgħa msemmija l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, il-Prim Imħallef Emeritu Joseph

Azzopardi, ġie mistieden jingħaqad mal-Membri madwar il-mejda tal-Kumitat sabiex jagħmel preżentazzjoni tar-rapport tiegħu u jwieġeb mistoqsijiet tal-Membri dwar dan ir-rapport.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għamel preżentazzjoni qasira dwar ir-rapport tiegħu dwar il-każ K/052 dwar użu ta' riżorsi fil-produzzjoni u x-xandir ta' filmat li jikkonsisti f'pubbliċità personali.

Il-Membri kollha għamlu l-mistoqsijiet tagħhom lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar dan ir-rapport.

Il-Kumitat qabel li t-traskrizzjoni tal-laqgħa tiġi ċirkolata lill-Membri qabel il-laqgħa li jmiss.

Fit-3.29 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**